



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni Nru 1902/2013, imressqa minn Paul Mangen, ta' ċittadinanza Lussemburġiża, dwar il-kanċellazzjoni ta' kuntratt dwar l-assigurazzjoni tas-saħħa li jkopri spejjeż tal-isptar fil-każ li persuna tmur fi Stat Membru ieħor

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant twieled fl-1952 u jaħdem fil-Belġju. Fl-1983 iffirma polza tal-assigurazzjoni li tkopri spejjeż tal-isptar li ma jitħallsux lura mis-sistema ta' sigurtà soċjali Belġjana. Il-petizzjonant għadu qed iħallas għal din il-polza tal-assigurazzjoni. Issa li qed jersaq lejn l-età ta' rtirar, il-petizzjonant biħsiebu jgħix fi Franza jew il-Lussemburgu għal raġunijiet familjari. Il-kumpanija tal-assigurazzjoni infurmatu li, jekk ikollu l-ħsieb jgħix 'barra', anke jekk il-pajjiż ikkonċernat huwa Stat Membru, il-kuntratt se jiġi sempliċiment ikkanċellat u l-petizzjonant se jkollu jiffirma kuntratt tal-assigurazzjoni ġdid. F'każ li jiffirma kuntratt simili, il-petizzjonant se jkollu jħallas primjum annwali tliet jew erba' darbiet aktar għoli mill-primjum li qed iħallas attwalment. Il-petizzjonant huwa tal-fehma li l-argumenti mressqa mill-kumpanija tal-assigurazzjoni jirrappreżentaw ostakolu sinifikanti għall-moviment ħieles ta' ċittadini fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-17 ta' Lulju 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

L-assigurazzjoni għall-kura fi sptarjiet privati hija tip speċifiku ta' assigurazzjoni tas-saħħa komplementari kontra l-konsegwenzi finanzjarji ta' meta wieħed ikun rikoverat fi sptar. Din tirmborża l-ispejjeż wara l-pagamenti mis-sistema tas-sigurtà soċjali. L-ambitu tal-kopertura

ta' assigurazzjoni bħal din huwa, b'hekk, marbut mill-qrib mal-ambitu tal-benefiċċji ggarantiti mis-sistema ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru partikolari.

L-assigurazzjoni għall-kura fi sptarjiet privati hija koperta mid-Direttivi dwar l-Assigurazzjoni mhux tal-Ħajja.¹ Id-Direttivi huma bbażati fuq il-prinċipju tal-post fejn ikunu jinsabu r-riskji tal-assigurazzjoni li jfisser li kumpanija ta' assigurazzjoni tista' tassigura riskji fi Stat Membru fejn il-persuna partikolari li jkollha polza jkollha r-residenza abitwali tagħha u fejn il-kumpanija tal-assigurazzjoni tkun awtorizzata b'mod uffċjali jew attiva taħt ir-regoli dwar id-dritt ta' stabbiliment jew il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Id-Direttivi ma jobbligawx lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni jkunu attivi fl-Istati Membri kollha.

Id-Direttivi dwar l-Assigurazzjoni mhux tal-Ħajja huma bbażati wkoll fuq il-prinċipju tal-libertà ta' kuntratt li fih il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-konsumaturi jistgħu jaqblu fuq varjetà ta' termini u kondizzjonijiet kuntrattwali, fosthom l-ambitu ġeografiku ta' politiki partikolari. Id-Direttivi la jippreskrivu kopertura tal-assigurazzjoni fl-UE kollha u lanqas ma jobbligaw lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni li jikkonkludu l-kuntratti. Attwalment, hija biss l-assigurazzjoni tal-vetturi obligatorja taħt id-Direttiva dwar l-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur² li tkopri, abbażi ta' primjum wieħed, it-territorju kollu tal-UE (biex jiġi żgurat il-kumpens tal-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn vetturi minn Stati Membri oħra u l-ħlas malajr ta' talbiet li jseħħu barra mill-Istat Membru ta' residenza tal-vittma).

Jekk detentur ta' polza ta' assigurazzjoni għall-kura fi sptarjiet privati jirriloka fi Stat Membru ieħor, il-polza attwali tiegħu/tagħha tkun valida biss jekk huwa/hija u l-kumpanija tal-assigurazzjoni qablu li jiġu koperti riskji ta' assigurazzjoni f'dak l-Istat Membru u l-kumpanija tal-assigurazzjoni hija attiva hemm taħt id-dritt ta' stabbiliment jew il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Din il-politika jkollha tkun kompatibbli mar-regoli mfassla biex jipproteġu l-interess ġenerali fis-settur tal-assigurazzjoni ta' dak l-Istat Membru.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi x-xewqa li jitkomplew il-poloż tal-assigurazzjoni meta ċ-ċittadini jirrilokaw lejn Stati Membri oħra. Fid-dawl ta' dak li ssemma hawn fuq, u filwaqt li jitqies l-istat attwali ta' armonizzazzjoni tal-liġi tal-assigurazzjoni tal-UE, din il-petizzjoni tista' tipprovdi kontribut utli għal aktar titjib fil-liġi tal-assigurazzjoni tal-UE.

¹ ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3–19; ĠU L 172, 4.7.1988, p. 1–2; ĠU L 228, 11.8.1992, p. 1–23.

² ĠU L 263, 7.10.2009, p. 11–31.